MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 293/2001/1

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta’ estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Rudolph Cassar**

**Vs**

**Vincenza Pirrone**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici is-somma komplessiva ta’ seba’ mija u tlett liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm703.84) rapprezentanti danni mill-konvenuta kagunati in segwitu ta’ l-ilma li l-konvenuta tefat, kif gie ammess mill-konvenuta stess, fi Triq it-Turisti Bugibba u bhala konsegwenza ta’ liema gara l-incident

stradali li sehh fis-7 ta' Mejju, 1999, gewwa Triq it-Turisti, Bugibba, f'liema incident kienu involuti l-vettura numru ta' Registrazzjoni LAB – 048 misjuqa minn Rudolph Cassar u l-vettura Numru ta' Registrazzjoni LVY – 205 proprjeta' ta' Mario Debono pero misjuqa minn Francis Farrugia li fil-hin ta' l-incident kienet wieqfa.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-12 ta' Frar, 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 4 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici stante illi l-konvenuta ma tahti bl-ebda mod ghall-incident awtomoblistiku in kwistjoni, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi inoltre, l-ammont pretiz huwa eccessiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, bhal f'kull kaz ta' incident awtomobilistiku, jkun opportun illi, l-ewwel, issir referenza ghax-xhieda u dokumenti sottomessi mill-fizjal tal-Pulizija li jkun investiga l-kaz, billi mar fuq il-post tal-incident. <u>PS 1422 Joseph Mercieca</u> (fol 15 et seq ibid), fis-7 ta' Mejju 1999 ghall-habta, anzi wara, d-9.30a.m., kien mar fuq il-post fejn gara l-incident in esami cjoe, Triq it-Turisti f'Bugibba wahda "two way" fil-gurnata in kwistjoni u hawnhekk sab zewg vetturi li kienu involuti f'dan il-kaz cjoe 'minibus' numru LVY 205, parkeggat quddiem kumpless turistiku u uzat minn Frnacis Farrugia kif ukoll "Ford Transit" numru LAB 048 misjuq minn Rudolph Cassar, dan tal-ahhar assikurat mas-socjeta attrici nomine. L-istess xhud kompla billi esebixxa kopja tal-<u>iskizz</u> u tar-<u>rapport</u> redatti minnu. Mill-istess skizz wiehed ghandu jinnota l-posizzjoni taz-zewg vetturi kif spiccaw wara dan l-incident, <u>marki</u> ta' "<u>brake</u>" twal 10.50 metru immedjatament wara l-

vettura misjuqa minn Rudolph Cassar kif ukoll l'hekk deskritt "Patch of wet road" deskritt ukoll bhala "Jiena ma sibtx ghadira ta' ilma izda tixrib bl-ilma" "presso a poco" fin-nofs tal-istess triq. Ix-xhud spjega li l-konvenuta imma kienetx sewwieqa involuta f'dan l-incident. Difatti Rudolph Cassar kien spjega lix-xhud illi "… kif kien niezel fi Triq it-Turisti kien gie f'liwja zghira u hemmhekk sab daqsejn ilma fit-triq. Minhabba dan l-ilma, skiddja u tilef il-kontroll". Ix-xhud innota illi l-istess ilma kellu riha ta' disinfettant. Wara li ra li l-bqija tat-triq kienet xotta u hi "ghan–nizla" bl-ilma "… jinzel ftit ghal isfel", hu kien tkellem mal-konvenuta u din qaltlu li kienet, filfatt, ghadha kemm haslet "… qiesu terrazin" quddiem hanut gestit minnha (li pero ma hux muri fuq l-iskizz). Skond l-istess konvenuta l-ilma li uzat kien car u nadif minghajr disinfettant. Inoltre, skond ix-xhud, l-istess konvenuta ammettiet li l-ilma f'nofs it-triq "… kien taghha". Fl-ahhar nett, hu ma kienx jidhirlu illi kien hemm, fuq ix-xellug tal-vettura misjuqa minn Rudolph Cassar, xi xarabank jew vettura kbira u li l-istess vettura kellha "tyres" deskritti minnu bhala "passabbli".

Ikkunsidrat

Illi kemm Rudolph Cassar kemm Francis Farrugia xehdu kif jidher a fol 51 u fol 55 et seq ibid). L-ewwel wiehed sostna illi, fejn gara l-incident hemm kisra fit-triq u nizla kif ukoll kien hemm xarabank ("private") parkeggata fil-genb ".. n-naha l-ohra tat-triq". Kif kien wasal fil-post imsemmi minnu, hu kien ghafas il-"brakes" peress li kien qed jaqsmu n-nies. Hawnhekk, il-"van" misjuq minnu "… telaq fis-sens li skiddja minhabba "… ghadira ilma" u b'hekk habat mal-vettura l-ohra. Hu sostna li l-ilma involut kien jorigina minn hanut ta' "confectionery" "… li x'aktarx kien qed jigi mahsul". Hu kompla jsostni li "… kelli nigbed lejn nofs it-triq minhabba dak il-private … ipparkjat ma' genb it-triq fuq ix-xellug tieghu". Hu cahad li "… kont ghaddej bi 'speed', waqt li sosnta "… kont ghafast il-'brake' fuq l-ilma ezatt". Fl-ahhar nett, hu sahaq illi l-ilma "… minhabba n-nizla nizel minn fuq il-parapett, tal-konvenuta ghadda minn taht il-'private' u nizel ghal nofs it-triq". In rigward Francis Farrugia, hu kien ra "… 'van' gej ghal fuqu" u kif ra hekk, hu ghamel tentattiv sabiex jevita l-habta billi jsuq u

jdur mal-kantuniera. Jigi notat illi dan ix-xhud xehed “Mistoqsi jekk il-‘van’ l-iehor kienx gej b’sahha jiena nghid, fi kliemu stess ‘bilfors’ “ u “… peress illi, ma zammx il-‘brake’ , kien gej bilfors b’naqra ‘speed’.  Jiena nghid li kien izomm il-brake l-iehor, kieku kien qieghed jigi misjuq bi ‘speed’ baxx”.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 84 et seq ibid) issostni illi meta nadfet u haslet parapet zghir tlett targiet u naqra l-bankina, hi kienet uzat barmil wiehed kontenti ilma wahdu.  Difatti, hi ssostni li ma tistax tuza sapuniet minhabba allergija (Pero, ara xi xhieda tat-Tabib Frank Fenech a fol 99 ibid). Dwar l-istess incident, hi tghid li rat il-vettura misjuqa minn Rudoph Cassar u li din kienet qed tinsaq “… bi ‘speed’ qawwi” ossija “gas down”.  Hawnhekk hi sostniet illi “…ma ghandhiex ideja minn fejn gie dak l-ilma f’nofs it-triq” u “Hawnhekk mhux, jiena biss nahsel” anzi “… hemm hafna nies jahslu fuq barra”.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi, jigi rilevat illi dawn gew analizzati sabiex il-Qorti tara jekk jistax jigi konkluz fuq bazi ta’ probabilta jekk il-konvenuta hiex unikament responsabbli ghal dan l-incident, jekk hi kkontribwit bl-imgieba taghha sabiex jsehh l-istess incident jew, inkella jekk l-istess provi humiex insufficjenti ghal dan il-ghan.  Dwar dan il-Qorti nnotat illi:

a) It-tixrib b’ilma li ssemma aktar il-fuq jinsab kif di gja nghad “presso a poco” f’nofs it-triq, bi spazju xott, bejn il-bankina u l-istess tixrib.  Ghalhekk a bazi tal-istess skizz abbinat max-xhieda ta’ PS 1422 Joseph Mercieca, il-Qorti ma’ hiex konvinta illi l-istess tixrib fuq it-triq origina mill-hasil li esegwit il-konvenuta.  Jigi rilevat illi t-triq inkwistjoni hi ghan-nizla u l-Qorti tara illi f’kaz li ilma li uzat il-konvenuta nizel fuq it-triq, dan ma kienx jkun lejn nofs it-triq izda direttament l-isfel mal-bankina.

b) Mill-istess provi, specjalment minn dak li xehed Francis Farrugia, jista’ jidher fuq bazi ta’ probabilta, illi

Rudolph Cassar kien qed jsuq ‘b’sahha” u “b’naqra ‘speed’ “. Dan il-fattur, fil-fehma tal-istess jindika illi dan l-incident kien kawzat mill-velocita deskritta bhala “b’sahha” abinat ma “skidding”.

Illi fid-dawl ta’ dak premess, il-Qorti tikkonkludi li f’dan il-kaz, ma giex pruvat illi l-istess incident kien kawzat minn negligenza da parti tal-konvenuta, anke f’livell ta’ kontributorjeta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha jithallsu mill-istess socjeta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------